# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum it-Tnejn 23 t'Ottubru 2023**

**Rikors Ġuramentat 816/2015MH**
**Numru: 13**

**Bank of Valletta p,l.c.**

**Vs**

**F.G.S.Construction Limited u b'digriet**
**Ta' din il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 2017 ġie ordnat li**
**l-atti jiġu legittimati fil-persuna ta' Dr. Kevan Azzopardi**
**u b'diġriet datat 29 ta' Mejju, 2023 ġie sostitwit b'Dr. Ingrid**
**Fenech fl-istess kapaċita'.**
**Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon.**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat datat 28 ta' Awwissu, 2015**, fejn ġie premess illi:-

*"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti, maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, tnejn minnhom datati 5 t'Awwissu 2010 u l-iehor datat 13 ta' Frar 2008 is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' F.G.S. Construction Limited.*

*2.Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' F.G.S. Construction Limited fis-somma ta' hames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wiehed u tmenin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€513,481.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3.Illi permezz ta' disa' kuntratti, tnejn minnhom maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon, datati 28 ta' Novembru 1995 (Dok. "E") u l-iehor 14 t'April 2005 (Dok. "F") u sebgha ohra maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, tnejn minnhom datati 26 ta' Jannar 2006, tnejn ohra datati 13 ta' Frar 2008, iehor datat 16 ta' Gunju 2008 u tnejn ohra datati 5 t'Awwissu 2010 u permezz ta' ghaxar skritturi privati, datati 23 ta' Gunju 1995 (Dok. "G"), 10 ta' Settembru 2004 (Dok. "H"), 4 ta' Frar 2005 (Dok. "I"), 12 ta' Jannar 2006 (Dok. "J"), 2 ta' Jannar 2007 (Dok. "K"), 4 t'Awwissu 2008 (Dok. "L"), 10 t'Ottubru 2008 (Dok "M"), 28 ta' Dicembru 2009 (Dok. "N"), 3- ta' Lulju 2010 (Dok."O") u 16 t'Awwissu 2011 (Dok. "P") il-konvenuti Jesmond u Juliet mizewgin Falzon iggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' F.G.S. Construction Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c., id-debiti ta' l-istess F.G.S. Construction Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4.Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom as-sunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*5.Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

*6.Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewgt ittri ufficjali datati 10 ta' Ottubru 2013 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "Q" u Dok. "R", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti Tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha :*

*1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument "E", "F", "G", "H", "I", "J", "K", "L", "M", "N", "O", "P") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*2. Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' lis-socjeta' F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon, ihallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlettax-il elf, erba' mija u wiehed u tmenin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€513,481.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A", Dok. "B1 sa B2", Dok. "C1 sa C3" u Dok. "D1 sa D4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-31 ta' Lulju 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 10 ta' Ottubru 2013 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni. (Dok. "Q" u "R").*

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Jesmond u Juliet Falzon**[1] fejn ġie eċċepiet minnhom illi :-

*I. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante ti ghalkemm m'huwiex kontestati, 1-atti pubblici annessi mar-rikors guramentat, 1-ammont reklamat mill-bank attur fit-tieni talba tieghu ma huwiex dovut mill-intimati u ghal dak li jirrigwardal-intimati konjugi Falzon dawn m'ghandhomx iwiegbu ghall-ammont kollu li tavolta jista' jkun dovut mis-socjeta' F.G.S. Construction Limited gialadarba il-garanziji moghtija minnhom kineu limitati kif indikat fl-istess dokumenti esebiti mar-rikors guramentati;*

*2.Illi fil-mertu, minghajr pregudizzju, irid I-ewwelnett jigi ppruvat li gew avvanzati lis-socjeta' konvenuta s-sommom pretizi, irid jigi ppruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali sommom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarji bejn is-*

[1] Folio 87

*socjet' attrici u s-socjeta' konvenuta. F'kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees u kummissjonijiet;*

*3.Illi minghajr pregudizzju. in vista ta' 1-artikoli 986 (2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi. kif ukoll imghax kompost u charges, ledger fees u kummissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda mall-obbligazaonijiet principali b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u 1-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital. flimkien ma' l-imghax kompost li refa' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' 1-artikotu 185 (2) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4.Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost. l-imghax leglai ulterjuri ma jistax jintalab b'effett mill-31 ta' Lulju 2015 fuq l-imghax kapitalizzat f'dik id-data, billi tali imghax ma jkunx ilu dovut aktar minn sena, izda jista' biess jintalab minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jghalqu, basta li fil-kaz il-wiehed jew l-iejor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux inqas minn sena, in vista ta' 1-artikoli 1142, 1850 u 1851 (2) Kap. Ligijiet ta' Malta.*

*Illi minghajr pregudizzju in kwantu 1-azzjoni attrici hija dirtetta fil-konfront ta' l-intimati konjugi Falzon din hija preskritta in kwantu l-obbligazzjoni taghhom hija naxxenti minn skrittura privata u ghalhekk kolpita bi preskrizzjoni kwinkwennali, liema terminu ma jirrizultax interott jew sospiz.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat lis-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċji f'dana il-proċeduri.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawża hija mressqa mill-bank attur biex jinġabar dovut ta' flejjes naxxenti minn varji faċilitajiet mogħtija lis-soċjeta' konvenut mill-bank attur li allegatament baqgħet moruza fil-ħlas ta' l-istess nonostante li kienet interpellata għal dan. Il-konjugi Falzon iggarantew *in solidum* flimkien għal istess debitu.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 4 ta' Novembru, 2015.[2]

[2] Folio 76

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet

Rat ukoll kull att li presenta l-bank attur.

Ikkunsidrat

Rat l-ewwel lok il-provediment fejn is-soċjeta' konvenuta ġiet mqegħda fi straljċ.[3] Konsegwenza ta' hekk rat ukoll u tagħmel referenza għad-digriet tal-Qorti Prima'Awla sezzjoni Kummerċ, fejn ingħatat l-awtorizzazzjoni biex ai terminu ta' l-artikolu 224(2) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta[4] ġie mogħti il-premess biex titkompla din il-kawza odjerna kontra il-kumpanija konvenuta darba li din ġiet stralċjata.

Ikkonsidrat.

Il-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet mressqa.

**Preskrizzjoni.**

L-ewwel eċċezzjoni li ġiet mressqa u li jinħtieg li tiġi trattata hija dik ta' preskrizzjoni eċċepita mill-konjugi Falzon, dik lid-dovut in kwantu naxxenti minn skrittura privata hi għalhekk milquta bi preskrizzjoni kwinkwennali in kwantu ukoll ma jirriżultax li ġiet interrotta jew sospiża.

Il-bank attur għadda biex presenta diversi skritturi privati u kuntratti li huma is-sors tal-kreditu li fuqu tistrieħ din il-kawża.

Presenta ukoll żewġ ittri uffiċjali kontra s-soċjeta' konvenuta[5] ukoll kontra l-konjugi Falzon bħala garanti in solidum għad-debiti tas-soċjeta' konvenut.

[3] 28 ta' April, 2016 folio 102. Ara provediment Dok JZM1.
[4] Data 12 ta' Jannar, 2017
[5] Folio 71

Tqies lil-konvenuti Falzon jressqu għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti u bħala difiża għax-xilja il-preskrizzjoni ta' ħames snin.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank attur insibu li ġustament ġie ċitat il-preċett ta' l-artikolu 2160 tal-Kap 16 li jolqot il-proċedura llum mibdula li tmiss il-preskrizzjonijiet il-qosra. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza nostrali hija kostanti u frankament il-kliem tal-liġi ma jħalli ebda interpretazzjoni oħra ħlief hekk. Ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Anvil Limited (C 2524) v. Ta' Giorni Limited (C-44235), Dhalia Investments Limited (C 1604) u Dr. Dorianne Vella LL.D u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2013 ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ahmet Ertugrul, u b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2013 assuma l-atti Dunstan William**[6]**:-**

*"Il-konvenut appellant iressaq bħala eċċezzjonijiet ġodda, il-preskrizzjoni ta' sena skont l-Artikolu 2147(a) tal-Kodiċi Ċivili (jiġifieri l-azzjonijiet tas-surmastrijiet jew għalliema ta' xjenzi jew ta' arti għallezzjonijiet li jagħtu bil-ġurnata jew bix-xahar); dik ta' tmintax-il xahar skont l-Artikolu 2148(a) (li tolqot azzjonijiet ta' persuni li jaħdmu sengħa jew arti, bħal fosthom ħaddieda għall-prezz tal-opri jew xogħlijiet tagħhom jew tal-materjal li jfornu); skont l-Artikolu 2148(b) (azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa blimnut; u skont l-Artikolu 2148(f) (l-azzjonijiet ta' kull persuna għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli). Madankollu jiġi osservat li, kif ingħad drabi oħra, sabiex jiġu applikati dawn il-preskrizzjonijiet il-qosra, jeħtieġ li jiġi osservat ukoll dak li jipprovdi l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili (kif emendat fl-2017) jiġifieri:*

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk ilhaga gietx imhallsa".*

*Bl-emenda li saret fl-2017 il-leġiżlatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et*** *tas-26 ta' Jannar, 2018). Bl-emendi tal-2017, inbidlet xi ftit is-sitwazzjoni, hekk kif ġaladarba tiġi eċċepita l-preskrizzjoni brevi jew partikulari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jgħid bil-ġurament waqt il-kawża, li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx*

[6] Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023. Numru 11 Rikors numru 428/13/1 JZM.

*imħallsa (fejn qabel kien jingħata l-ġurament deċiżorju). Huwa ritenut li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellant dwar il-preskrizzjonijiet qosra, kif imressqa fir-rikors tal-appell tiegħu tal-21 ta' Diċembru, 2020, (li għalhekk japplika għalihom l-Artikolu 2160, kif emendat) ma jistgħux jirnexxu, peress li fl-ebda ħin il-konvenut ma ddikjara bil-ġurament tiegħu illi mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk ħallasx lis-soċjetà attriċi, skont ma jitlob l-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili, hekk kif emendat."*

Kif ingħad il-konvenuti jressqu l-eċċezzzjoni kwinkwennali, allura waħda qasira milquta bil-proċeduira ta' dak li kien qabel illum il-ġurament deċisorju, li llum però ħa xejra oħra u il-piż tiegħu ġie jinkombi totalment u *ad validatem* fuq il-konvenut. Għalhekk non basta li titressaq tali eċċezzjoni u li wieħed jargumenta lit-terminu prekrittiv ma ġiex sospiż jew interrott, prova din li der resto ma tressqet qatt, imma kien jinkombi fuq l-eċċepjenti, u dan bil-fors, li minn jeddhom jieħdu l-pedana u bil-ġurament tagħhom jistqarru li ma kienux debituri jew li ma jiftakrux jekk il-ħaga ġietx imħallsa. Bil-konsegwenza ta' tali ġurament illum il-konvenut hu suġġett allura għal kontro eżami fuq dak minnu dikjarat kif ingħad.

Però, il-konvenuti Falzon ma għamlu xejn minn dawn. Sempliċement ressqu din id-difiiza marbuta man-nuqqas ta' interuzzjoni u sospensjoni u waffqu hemm.

Oltre hekk tenut kont ta' meta nfetħet din il-kawża, il-Qorti tagħmel referenza ukoll għal obbligazzjonijiet assunti u għal ittri uffiċjali ġia fuq suriferiti.

**Konsegwentement din l-eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda.**

## Imgħax

Eċċezzjonijiet oħra imressqa mill-konvenuti Falzon jittrattaw l-artikoli konenessi ma allegazzjonijiet ta' imgħax komposti, *charges* u *ledger fees* u kummissjonijiet mhux dovuti lli skont il-konvenuti Falzon ġew miżjuda mall-obbligazzjonijiet prinċipali b'qerq u anatoċiżmu u użura latenti, ukoll li imgħax ulterjuri ma jistax jintalab oltre id-data tal-31 ta' Lulju, 2015 fuq imgħax ikkapitilizzat f'dik id-data.

Fil-qosor il-konvenuti Falzon jakkuzaw il-bank li hu abbusiv fir-rati ta'imgħax li kien qed jippretendi mingħandhom.

Il-bank attur ġustament esebixxa il-kuntratti kollha u kull skrittura li biha l-partijiet intrabtu miegħu skont ix-xilja. B'nota tas-17 ta' Gunju, 2013 reġa esebixxa kopji legali tal-kuntratti relevanti. [7]

Minn naħa tiegħu in-**Nutar Robert Micallef**[8] esebixxa żewġ kopji legali ta' żewġ kuntratti ta' *loan* u *suretyship* bejn il-bank attur is-soċjeta' konvenuti bħala id-debitur prinċipali u l-konjugi Falzon bħala garanti ta' l-istess kreditu mogħti. **Dorianne Tanti**[9] n rappresentanza tal-Bank attur xehdet lil kreditu baqa' kollu dovut, li ma saru ebda depositi jew tibdiliet fid-dovut minn dak in-nhar tar-rikors ġuramentat.

Jingħad ukoll illi nonostante l-eċċezzjonijiet in eżami il-konvenuti anke f'dan ir-rigward ma ressqu ebda ħjiel ta' prova fuq l-allegazzjonijiet tagħhom ta' imgħaxijiet illeċiti.

Da parti tiegħu l-bank attur għamel ampja referenza għal ġurisprudenza in tematika fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Bla tlaqliq il-Qorti ssib lil bank attur għandu raġun.

In tematika ngħad hekk mill-Prim'Awla diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avukat Reno Borg noe vs Joseph Borg et**.[10].

*"Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni indikata, dik riferibbli ghall-imghax komposti, din il-Qorti ghandha dan xi tghid. L-artikolu li jipprojbixxi l-kalkolu ta' l-imghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" ( art. 1139 Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "overdraft". Kuntratt ta' "overdraft" ma jittrattax obbligazzjoni ta'*

*"somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti talKummerc fil-kawza "Warrington noe vs Sciberras" deciza fil-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita' lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza lkreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.*

[7] Folio 156
[8] Folio 206 et. Seq.
[9] Folio 128
[10] Deċiża 3 ta' Ottubru, 2002.

*Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' overdraft, johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li "l'apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo)". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li " il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono invece, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i proprii debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessrio se di promessa di mutuo si trattasse. (Manuale di Diritto Privato, 9° Edizione; pagina 572). Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Scicluna vs Zinelli" riportata fil- Vol XXX.I.739, u l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-sentenza "Piovano vs Fenech" riportata fil-Vol. XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta' ta' "overdraft", li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.*

*Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-*

*Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (overdrafts), izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qorti taghna bhala valida u legali f'diversi sentenzi, fosthom, "Scicluna vs Tufigno noe" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-25 t'April 1940, "Busuttil vs Spiteri Debarro", deciza millOnorabbli Qorti tal- Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, "Mercieca noe vs Borg" deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 t'Ottubru 1994, u "Bank of Valletta Ltd vs Dalli" deciza minn din il-Qorti fit-28 t'Ottubru, 1999.*

*Din il-koncessjoni tibqa' topera però, f'kaz li jibqa jopera loverdraft facility, ghax meta il-kont kurrent jigi terminat, limghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali stabbilit filKodici Civili (ara "Busuttil vs Spiteri Debarro" gia kwotata, u "Azzopardi noe vs Falzon" deciza mill- Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Lulju, 1994). Dan isehh ghax darba li lfacilita' tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhal obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta' somma determinata, ma jistax jintalghab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili."*

**Konsegwentement l-eċċezzjonijiet tal-konjugi Falzon numerati 2, 3, u 4 qegħdin jiġu miċħuda.**

**Dekors ta' imgħax wara stralċ/xoljiment, punctum temporis.**

Marbut mall-kwistjoni ta' l-interessi li jistgħu jiġu mposti wara stralċ, fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-Riċevitur Uffiċjali fil-vesti bħala stralċjarju ta' F.G.S.Construction Limited titqajjem il-kwistjoni ta sa meta għandu jibqa' jiddekorri l-imgħax mitlub darba lis-soċjeta' konvenuta ġiet stralċjata. Dr.Kevan Azzopardi għamel referenza għal provediment li jittratta il-materja in tematika, dana wara riċerka tal-Qorti jirriżulta li hu fl-**ismijiet Fl-Atti ta' l-Istralċ Unibuild Corporation Limited li kienet xolta bi provediment tal-Prim'Awla tat-30 ta' Mejju, 2017.**[11]

Dwar il-*puncto temporis* in materja il-Qorti tagħmel referenza għal deċiżjoni oħra fl-ismijiet **L-Avukat Stephen Muscat noe vs European Insurance Group Limited u b'digriet tas-7 ta' Diċembru, 2012 il-Qorti ordnat li l-isem tal-konvenut għandu jaqra Brian Tonna bħala stralċjarju għan-nom u n rappresentanza ta' European Group Ltd.**[12] fejn fid-deċiżjoni tagħha il-Qorti qalet hekk hekk **wara li kkunsidrat illi is-soċjeta' kienet ġiet stralċjata fid-data ta' 29 ta' Settembru, 2011**.

*"Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi lkawza billi:-*

**1.** *Tiddikjara li l-attur nomine hu kreditur tal-konvenut nomine fis-somma ta' sebgha u sittin elf tlett mija u wiehed u sebghin ewro u sittin centezmu (€67,371.60) bl-imghax fuq is-somma ta' €66,810 mid-data tal-fatturi* ***sad-29 ta' Settembru 2011***[13]***."***

Interessanti però il-kjamata numru ***13 infra*** li tagħmel referenza għal artikolu 537 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Hawn il-Qorti tagħmel ekwiparazzjoni mal-kummerċjant fallut kif der resto għamlet il-Qorti diversament preseduta fil-provediment riferut *supra* u torbot il-*puncto temporis* tad-dekors ta' l-imgħaxijiet mad-dikjarazzjoni ta' l-istralċ.

Il-Qorti għalhekk isib li l-Uffiċjali Riċevitur kellu raġun darba li tistrieħ fuq dan it-tgħallim ġurisprudenzjali. Tqies lil *cut off date* tad-dekors tal-imgħaxijiet għandu jkun id-data tax-xoljiment effettiv tal-kumpanija attriċi u ċioe' it-28 ta' April, 2016.

Konsegwentement magħmula 'l fuq konsiderazzjonijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:-

[11] Datat 31 ta' Jannar, 2019 430/2016JZM

[12] P.A. Ċit.Nru. 889/2011A.E. deċiża 14 ta' Marzu, 2013.

[13] **Id-data tax-xoljiment. Ara Artikolu 537 tal-Kodici tal-Kummerc li m'hemmx raguni ghalfejn m'ghandux japplika f'dan il-kaz.**

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokument “E”, “F”, “G”, “H”, “I”, “J”, “K”, “L”, “M”, “N”, “O”, “P”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet miz-zewgin Falzon (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe’ lis-socjeta’ F.G.S. Construction Limited u Jesmond u Juliet mizzewgin Falzon, ihallsu flimkien u in solidum bejniethom, lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tlettax-il elf, erba’ mija u wiehed u tmenin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€513,481.33) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta’ F.G.S. Construction Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A”, Dok. “B1 sa B2”, Dok. “C1 sa C3” u Dok. “D1 sa D4”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-31 ta’ Lulju 2015 sad-data tat-28 ta’ April, 2016.

Bl-ispejjeż ta’ din l-istanza inkluż dawk ta’ l-ittra uffiċjali datati 10 ta’ Ottubru, 2013.

**Onor. Imħallef Miriam Hayman**

**Dep.Reg.**
**Rita Falzon.**